**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 26 ta' Ottubru, 2016**

Numru 2

**Rikors Guramentat Nru. 147/2016**

**George Muscat u martu Josephine Muscat u uliedhom Nicholina Degiorgio u Mario Muscat**

**vs**

**Dr Patrick Valentino u P.L. Nicholette Aquilina mahtura bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw Lil Noureddine G. Ibrahim Hamid assenti mill-Gzejjer Maltin b'digriet tal-21 ta' Marzu 2016**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tal-24 ta' Frar, 2016 li jghid hekk:

1. L-esponenti George Muscat u martu Josephine Muscat huma mizzewgin u miz-zwieg taghhom kellhom tlett itfal: liz-zewg esponenti l-ohra Nicholina Degiorgio u Mario Muscat kif ukoll lid-defunta Silvana Muscat (li kellha l-karta tal-identita bin-numru: 0148479M);

2. Id-defunta Silvana Muscat kienet mizzewga lill-konvenut Noureddine G. Ibrahim Hamid. Huma kienu zzewgu nhar it-8 ta' Marzu, 2014 u dana kif jiriizulta mic-certifikat taz-zwieg relattiv li kopja tieghu qeghda tigi hawn annessa u immarkata bhala "Dokument GM1";

3. Iz-zwieg bejn id-defunta Silvana Muscat u l-konvenut ma kienx wiehed felici. Il-konvenut kien instab hatt ta' reati kriminali kommessi minnu fil-konfront tad-defunta Silvana Muscat u nhar il-11 ta' Marzu, 2015 il-konvenut qatilha b'daqqiet ta' sikkina kif ser jirrizulta ampjament matul it-trattazzjoni tal-kawza. Kopja tac-certifikat tal-

mewt tad-defunta Silvana Muscat qieghed jigi hawn anness u immarkat bhala "Dokument GM2";

4. Meta l-konvenut qatel lid-defunta Silvana Muscat huma kien ghadhom mizzewgin, ma kellhomx tfal u hija mietet bla testment u dan kif jirrizulta mir-ricerki testamentarji taghha li kopja taghhom qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala "Dokument GM3";

5. Skond l-artikolu 810 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta meta l-mejjet ma jhallix warajh tfal jew dixxendenti ohra izda jhalli lil martu jew zewgha, il-wirt jghaddi ghal martu jew zewgha b'dan illi skond l-artikolu 605(1)(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta kull min volontarjament joqtol lit-testatur jitqies bhala mhux denn u, bhala tali, ma jkunx kapaci biex jircievi b'testment u inoltre skond l-artikolu 796 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta dawk li huma inkapaci jew mhux denji li jircievu b'testment, ghar-ragunijiet li jinghadu fil-Kodici Civili, hekk ukoll huma inkapaci jew mhux denji li jirtu ab intestato;

6. Il-konvenut huwa ghalhekk mhux denn li jiret lid-defunta Silvana Muscat ab intestato u skond l-artikolu 812(b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta is-successioni ab intestato tad-defunta Silvana Muscat ghandha tigi regolata fis-sens illi l-wirt taghha jghaddi in kwantu ghal nofs ghall-eqreb axxendenti u cioe l-esponenti George u martu Josephine Muscat u in kwantu ghan-nofs l-iehor ghall-qraba kollaterali diretti u cioe ghall-esponenti Nicholina Degiorgio u Mario Muscat;

7. Dawn il-fatti l-esponenti tafhom personalment;

8. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant, wara illi jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u illi jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghid il-konvenut ghaliex ma ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tal-esponenti illi qeghdin hawn jitolbu illi dina l-Onorabbli Qorti jghogobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi nhar il-11 ta' Marzu, 2015 il-konvenut volontarjament qatel lid-defunta Silvana Muscat b'daqqiet ta' sikkina u illi meta l-konvenut qatel lid-defunta Silvana Muscat huma kien ghadhom mizzewgin, ma kellhomx tfal u hija mietet bla testment;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut mhux denn li jiret lid-defunta Silvana Muscat ab intestato u dana ai termini tal-artikolu 605(1)(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li japplika ghas-successjoni ab intestato bis-sahha tal-artikolu 796 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-successjoni ab intestato tad-defunta Silvana Muscat ghandha tigi regolata fis-sens illi l-wirt taghha jghaddi in kwantu ghal nofs ghall-eqreb axxendenti u cioe l-esponenti George u martu Josephine Muscat u in kwantu ghan-nofs l-iehor ghall-qraba kollaterali diretti u cioe ghall-esponenti Nicholina Degiorgio u Mario Muscat u dana ai termini tal-artikolu 812(b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut illi huwa minn issa stess ingunt in subizzjoni u b'rizerva ghal kwalsijasi azzjoni ohra spettanti lill-esponenti kontra l-konvenut inkluza dik ghad-danni.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi li tghid hekk:

1. Illi l-esponenti ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza pero jirriservaw illi jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri u aktar xhieda meta u jekk jirnexxilhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza maghmula taht l-artikolu 605(1)(a) tal-Kap. 16 fejn jinghad hekk:

> 605. (1) Kull min -
> (a) volontarjament joqtol jew ikun ittanta joqtol lit-testatur, jew lill-mara jew lir-ragel tat-testatur;
> jitqies bhala mhux denn u, bhala tali, ma jkunx kapaci biex jircievi b'testment.

Dan l-artikolu japplika wkoll ghal jedd rizervat skond l-artikolu 632 b'applikazzjoni tal-artikolu 638(c) tal-Kap. 16.

Ghalkemm dwan l-artikoli japplikaw ghal meta jkun hemm testament, f'kaz ta' eredita ab intestato, kif inhu dan il-kaz, japplikaw l-istess principji tant li l-artkolu 796 tal-Kap. 16 jghid:

> 796. Dawk li huma inkapaci jew mhux denji li jircievu b'testment, ghar-ragunijiet li jinghadu f'dan il-Kodici, hekk ukoll huma inkapaci jew mhux denji li jirtu ab intestato.

**Fatti**

Is-sottomissjoni tal-atturi hi illi Silvana Muscat mietet mewta vjolenti fil-11 ta' Marzu 2015, u dan jahti ghaliha zewgha l-konvenut Hamid fejn qed jigi sottomess li qatel lil martu b'daqqiet ta' sikkina.

Bhala fatti jirrizulta illi Silvana Muscat instabet mejta fl-appartament taghha f'San Pawl il-Bahar b'diversi daqqiet ta' sikkina fuq il-parti ta' fuq ta' gisimha, wara li sar rapport tas-sejbien tal-kadavru lil pulizija.

Jidher mill-fatti u dokumenti esebit mill-ispettur Nicholas Vella illi r-ragel ta' Silvana Muscat cioe l-konvenut Hamid kien ittella' l-Qorti fuq akkuzi, fost ohrajn ta' vjolenza domestika apparti hsarat f'mobbli appartenenti lil Silvana Mscat f'Jannar 2015 u gie misjub hati fuq ammissjoni mill-Qorti tal-Magistrat fit-3 ta' Frar 2015 u kundannat ghal prigunerija ta' sitt xhur sospizi ghal sentejn u multa (Dok. NV1 fol. 114 tal-proces). L-ispettur xehed ukoll illi mir-records tal-pulizija Silvana Muscat kein gia ghamlet zewg rapport lil pulizija kontra zewgha fuq allegazzjonijiet ta' abbuz domestiku, u iehor fuq hsara volontarja kollha jirreferu ghal Jannar. Dawn ir-rapporti saru wara li l-konvenut Hamid dahal fl-appartament taghha kontra r-rieda taghha meta kienu mifrudin minn xulxin de facto.

Xehed ukoll l-ispettur Keith Arnaud li qal li hu kien l-ufficjal investigatur fil-kaz tal-qtil ta' Silvana Muscat u s-suspetti tal-pulizija kienu li zewgha Hamid kien qatilha. Bdiet tfittxija ghal Hamid izda kien harab minn Malta qabel is-sejbin tal-kadavru ta' Silvana Muscat. Sabu l-karozza tieghu fil-ajruport mnejn irrizulta li ha titjira lejn Bergamo. Il-provi li ngiebu fl-inkjsesta kienu jindikaw lil Hamid bhala l-qattiel. Inhareg International u European Arrest warrant kontrih.

Xehdu wkoll il-genituri ta' Silvana Muscat. Josephine Muscat qalet li bintha kellha problema ma' zewgha sa minn ftit xhur wara z-zewg taghhom fit-8 ta' Marzu 2014, wara li Silvana rat lil zewgha ma' mara ohra. Taf li f'xi zmien Hamid telaq mill-appartament li kien proprjeta parafernali ta' bintha. Bintha qaltilha meta Hamid dahal fuqha bil-lejl u okkazjoni ohra meta sgassa u dahal fl-appartament meta bintha kienet barra. Kien jaghtiha fastidju u jsegwiha anki fuq ix-xoghol tant li s-security fejn kienet tahdem kien jakkumpanjaha sal-karrozza tal-linja, avolja bintha rrakontat li darba zewgha rrnexxilu jitla' wkoll fuq il-karrozza tal-linja fejn kienet hi. Tant bdiet tibza li Silvana marret toqghod ma' ohtha Nicholina Degiorgio l-Mosta, avolja kien isegwiha hemm ukoll. Kienet tghidilha li zewgha kien iheddidha li joqtolha jekk jaraha ma' ragel iehor. Wara xi xahrejn toqghod ma' ohtha, Silvana marret toqghod f'appartament ta' villeggatura tal-genituri taghha. Cemplilha binha Mario fit-12 ta' Marzu 2015 beix jaghtiha l-ahbar tal-mewt ta' ohtha Silvana. Qalet li bintha ma kellha

inkwiet ma' hadd hlief ma' zewgha. Il-pulizija qaltilhom li Hamid harab minn Malta immedjatament wara d-delitt.

Ohtha Nicholina Degiorgio wkoll ikkonfermat ix-xiehda ta' ommha fejn jikkoncerna lilha. Ohtha Silvana kienet tghidilha bit-theddid ta' zewgha anki fuq il-mobile u taf bl-okkazjonijiet meta Hamid dahal fl-appartament ta' ohtha bla permess. Hi marret ma' ohtha taghmel ir-rapporti lil pulizija fuq it-theddid u l-fastidju ta' Hamid. Sahansitra darba meta marru l-ghassa, zewgha baghtilha messagg li ma kienx jibza mill-pulizija. Kien jheddidha kuljum sakemm damet maghha ghal xi perjodu ta' xahrejn. Silvana marret fl-appartament ta' villegatura ta' ommha ghax kienet qed tiddejjaq tinvolvi lil familtha fl-inkwiet taghha. Hi sabet lil ohtha mejta fit-12 ta' Marzu 2015 meta l-habiba ta' Silvana certa Michelle Muscat cemplitilha u qaltilha li Silvana ma kinitx tirrispondi t-telephone. Huma gabru c-cwievet mid-dar tal-genituri taghha u marru fl-appartament fejn hi sabet lil ohtha mejta fuq is-sodda wara li kellha tidhol minn tieqa peress li l-kamra tas-sodda fejn kienet Silvana kienet imsakkra. Ix-xhud tallega li kien Hamid li qatel lil ohtha ghax mieghu biss kellha inkwiet.

Sarah Schembri gharusa ta' Mario Muscat, hu Silvana, tixhed li kienet taf lil Hamid bhala wiehed ihobb il-glied. Meta kienu johorgu bhala koppji kienet tkun hosbiena li ser jaqla xi glieda. Kien jghir ghal Silvana u kien isir aggressiv meta jixrob. Hi tghid li Silvana kienet tirrakontalha kemm Hamid kien jigdbilha u jiffastidjaha.

Saru diversi stqarrijiet tal-pulizija wara l-qtil ta' Silvana Mario Muscat, huha, stqarr illi l-ahhar li ra lil ohtu Silvana kien ftit granet qabel ma qaltlu li Hamid kien jaf fejn qed tghix u kien qed isegwiha. L-inkwiet bejn il-koppja beda meta Silvana qabditu ma' mara ohra. Hi keccietu mid-dar pero nqalghu incidenti fejn Hamid dahlilha fl-appartament, u kien isegwiha u jibghatilha messaggi minaccuzi bhala meta maret 'Gianpula' u baghtilha messagg bil-kelma 'bum bum' jekk jerga' jaraha hemm.

**konsiderazzjonijiet**

Din hi kawza civili u kwindi l-atturi jridu jaghtu prova ta' dak li qed jallegaw b'mod mhux li l-Qorti tkun moralment konvinta mill-veracita u attendibilita tal-fatti.

Ghalkemm hi regola generali li parti trid iggib l-ahjar prova, mhux dejjem possibli li din tingieb u ghalhekk iridu jingiebu provi cirkostanzjali tali li jippruvaw fuq bilanc ta' probabilita illi dak li sehh x'aktarx sehh skond kif allegat.

F'din il-kawza l-punt kardinali hu l-prova li Noureddine Hamid telaq minn Malta qabel il-pulizija kellha opportunita tinvestigah u tkun ghalhekk f'pozizzjoni li telliminah mill-investigazzjoni jew takkuzah b'reat. Il-pulizija ma jafux fejn mar Hamid u Hamid ma giex lura f'Malta jew ipprova jikkuntattja lil pulizija biex inaddaf ismu minn kull allegazzjoni. Din mhix kawza kriminali fejn l-oneru tal-prova hu 'beyond reasonable doubt' izda wahda civili kif inghad, u di piu procedure kriminali u sejbien ta' thija o meno ma ghandhomx jitfghu piz probattiv assolut u uniku tenut kont kif inghid li l-oneru tal-prova fil-kamp civili hu inqas stringent minn dak fil-kamp kriminali.

Il-Qorti wara li fliet ix-xiehda ma tistax ma tasalx ghal konkluzzjoni illi l-uniku persuna b'mottiv li jaghmel hsara lil Silvana Muscat kien il-konvenut Hamid. Sa ftit zmien qabel saru rapport ta' vjolenza domestika u hsara fil-proprjeta kontrih liema rapport saru minn Silvana Muscat li subiet dawn l-eventi ta' dannu. Jirrizulta li xahar qabel ma nqatlet Silvana, Hamid wehel piena karcerarja sospiza ghal reati kontra l-istess Silvana Muscat.

Ix-xiehda prodotta, ghalkemm tal-familjari u hbieb ta' Silvana juru illi Silvana ma kellha ebda inkwiet hlief ma' Hamid u illi huma kollha konsistenti fix-xiehda dwar il-mod kif Hamid kien qed jimmolesta, jhedded u jippersegwita lil Silvana Muscat wara li keccietu mill-appartament matrimonjali ghax sabitu ma' mara ohra. Il-fatt li Silvana Muscat telqet l-appartament taghha wara li Hamid sgassalha u dahlilha fl-appartament, darba minnhom bil-lejl meta kien hemm hi, u l-ewwel marret ma' ohtha u mbaghad f'appartament iehor tal-genituri taghha, juri l-biza genwin li Silvana Muscat kellha min Hamid.

Id-delitt innifsu juri illi dan ma kienx qtil motivat min serq izda qtil li juri mentalita aggressiva, eccessiva u animu vjolenti personali kontra l-vittma Silvana Muscat.

Hi l-fehma tal-Qorti illi dawn il-fatturi kollha, elementi evidenzjali altru milli traskurabbli, juru illi l-atturi ppruvaw u kkonvincew lil din il-Qorti illi fuq bazi ta' bilanc ta' probabiltajiet illi kien il-konvenut Hamid li qatel lil Silvana Muscat.

Ix-xiehda tal-ispettur Arnaud ukoll titfa' piz qawwi fuq il-konvenut Hamid bhala l-awtur tad-delitt ta' Silvana Muscat.

Ghalhekk l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha.

Peress illi gie pruvat li Hamid nehha hajjet Silvana Muscat b'mod volontarju u kontra l-ligi b'daqqiet ta' sikkina, hu jaqa' fil-kategorija ta' persuni mhux denji li jirtu, u ghalhekk jiskattaw ir-regoli tal-wirt ab intestato fejn il-konjugi tal-mejjet ma jiret xejn u fejn ma hemmx tfal kif gie ppruvat. Ghalhekk japplika d-dispost tal-artikolu 812(b) tal-Kap. 16 f'sucessjoni ab intestato u l-wirt ta' Silvana Muscat jghaddi in kwantu ghal nofs fuq l-eqreb axxendenti cioe l-genituri George u Josephine konjugi Muscat u n-nofs l-iehor fuq il qraba kollaterali cioe hutha Nicholina Degiorgio u Mario Muscat.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tilqa' l-ewwel u t-tieni talbiet attrici u tiddikjara lil konvenut Noureddine G. Ibrahim Hamid mhux denju li jiret lil martu Silvana Muscat ai termini tal-artikolu 605(1) tal-Kap. 16 kif applikat ghal successjoni ab intestato ai termini tal-artikolu 796 tal-Kap. 16. Konsegwentement tilqa' t-tielet talba attrici u tiddikajra li nofs il-wirt ta' Silvana Muscat jghaddi fuq il-genituri taghha George u Josephine konjugi Muscat u n-nofs l-iehor fuq hutha Nicholina Degiorgio u Mario Muscat. Spejjez tal-kawza jbatihom il-konvenut Noureddine G. Ibrahim Hamid.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur